MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 36/2010

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone (K.I. 258269M) bhala mandatarju specjali ta' Guido de Rosis detentur tal-karta ta' identita' Taljana A 07535794 ezercenti kummerc bl-isem ta' Kiurito di Guido de Rosis u b'digriet tat-Tribunal ta' nhar it-tmienja (8) ta' Frar, 2011, isem l-attur ghandu jinqara bhala "Kiurito Di Guido De Rosis" minflok dak hawn fuq indikat.**
**Vs**
**Wonka Company Limited (C-44106)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur nomine qed jitlob li s-socjeta' konvenuta tigi kundannata sabiex thallsu s-somma ta' elfejn sitt mija u disa' u tmenin ewro u tmenin centezmi (€2689.80) rapprezentanti prezz ta' bejgh ta' fliexken tal-inbid debitament ikkonsenjat lis-socjeta' konvenuta, liema ammont huwa dovut skont kif indikat fuq fattura datata 14 ta' Lulju, 2009 (kopja Dok A); bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittri nterpellatorji datati 31 t'Ottubru 2009 u tas- 16 ta' Novembru 2009 rispettivament (Dok B u C) u

bl-imghaxijiet bl-oghla rata skont il-ligi mill- 14 ta' Lulju 2009 sad-data tal-pagament effettiv; ghal kulll buon fini qed tigi ezebita prokura '*ad litem'* bhala dokument bl-ittra D.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn ippremettiet illi t-talba kif rivolta fil-konfront tas-socjeta' konvenuta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma huwa dovut l-ebda ammont da parti tas-socjeta' konvenuta fil-konfront tal-attur; bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza fil-konfront tal-attur.

Sema' x-xhieda.
Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.
Ra l-atti kollha tal-kawza.
Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-attur.
Ra l-verbal tas-seduta ta' nhar it-2 ta' Mejju, 2011 li bih il-kawza thalliet ghas-seduta ta' llum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi d-ditta attrici permezz ta' din il-kawza qeghda titlob minn ghand s-socjeta' konvenuta il-hlas tas-somma komplessiva ta' elfejn sitt mija disgha u tmenin ewro u tmenin centezmu (€2,689.80) rapprezentanti prezz ta' merkanzija.

Illi mix-xhieda jirrizulta illi l-attur Guido De Rosis, tramite ditta individwali tieghu "Kiurito di Guido de Rosis" kien flimkien mal-partner tieghu Elizabetta Errigo, ppartecipa go fiera f'Malta *Gusto Italiano*. Huma kienu qeghdin jippromovu nbid u prodotti ohra minn Calabria.

Kienu ltaqghu mar-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta (specifikatament Noel Mifsud u Michelle Muscat) li ghandhom restorant 'La Vela' f'Ta' Xbiex u jiddestribwixxu nbejjed. Dawn kienu daqu l-inbid u dahlu f' diskussjonijiet dwar il-bjegh ta' dawn l-inbejjed f'Malta.

Kienet saret proposta ghall- ordni ta' mija u sitt (106) kaxxi tal-inbid (li minnhom hmistax-il (15) kaxxa kienu b'xejn) u b'ghaxra fil-mija (10%) skont fl-ammont totali ta' elfejn seba' mija u dsatax-il ewro u tmenin centezmu

(€2,719.80). Il-*credit term* moghti kien ta’ sittin (60) jum mid-data tal-invoice[1]. Din il-proposta kienet giet ikkonfermata bl-indirizz tal-emejl ta’ Noel Mifsud miktuba minn Michelle Muscat fil-13 ta’ Lulju 2009 (ara dok 37).

L-inbid inxtara mill-attur mill-Kantina Verbicaro Vitie Vini fl-Italja u ntbaghat Malta. Ghalhekk kien hemm konsenja ta’ mija u sitt (106) kaxxi tal- inbid oltre xi prodotti ohra offruti bhala sinjal ta’ hbiberija (ara l-affidavit a fol 55). Illi wara li ntbaghat l-inbid l-atturi decidew li jaghtu skont iehor ta’ tletin ewro (€30) u ghalhekk is-somma hi dik mitluba.

Illi jidher illi malli waslu Malta kien hemm problemi mad-dwana ghar-rilaxx tal-prodotti minhabba dokumenti neqsin. Kien jonqos certifikat minghand il-kantina Taljana. Dan ntbaghat mill-atturi, pero skont huma, kien hemm problemi ohrajn bejn rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta u d-Dwana. L-inbid kien ingabar minn Noel Mifsud u bdiet tinbiegh mis-socjeta’ konvenuta. Il-kantina thallset mill-atturi, imma l-atturi minkejja diversi interpellanzi ma thallsu qatt.

Elisabetta Errigo ddikjarat illi l-inbid gie ordnat fit-2 ta’ Lulju, kien telaq mill-Italja fl-4 ta’ Lulju u wasal Malta xi tlett (3) ijiem wara. Kien hemm dokumenti neqsin u ghalhekk il-prodott ma setax jigi mehlus mid-Dwana mill-ewwel. Dan kien hemm dewmien ta’ gimgha. Min-naha l-ohra Noel Mifsud xehed illi kien dam hmistax-il (15) jum biex jircievi d-dokumenti minghand l-atturi u l-prodotti kienu damu ghoxrin (20) jum id-Dwana. Iddikjara ukoll illi kien wehel hames mija u tmienja u tmenin ewro (€588) li kienu spejjez tat-trasport u dwana. Kienu wzaw lil Customs Freight fuq suggeriment tal-atturi stess. Mifsud qal li dam xahar u nofs biex ibiegh l-inbid. Wara li biegh l-inbid beda jirceivi lanjanzi dwar il-prodott. Hu ddikjara li ma kienx informa lill-attur ghaliex ma kienx hallsu pero’ wara kien informah bit-telefon li l-inbid ma kienx tajjeb u offra li jhallas nofs u/jew jibghatu lura pero’ dawn ma kienux accettaw. Iddikjara li l-inbid ma kienx tajjeb u ma

[1] (ara dokument a fol. 34 u 36)

kienx bhas-*sample* li daq. Dan kien ikkuntestat minn Guido de Rosis li ddikjara illi l-inbejjed kienu nbejjed ta' prima kwalita' u li qatt ma kellu lanjanza minghand is-socjeta konvenuta. Iddikjara ukoll li wara li gabru l-inbid ma regax sema' minn Mifsud. Fir-rigward tal-*freight forwarders* dawn kienu l-unici li setghu jittrasportaw l-inbid f'sebat ijiem miz-zona fejn kien hu ghall-Malta u ghalhekk kien isuggerixxa lilhom. Hu kkontesta li qatt kien hemm lanjanza dwar il-prodott u Elisabetta Errigo qalet li qatt ma rcievit lanjanza wahda. Elisabetta Errigo qalet illi kieku rcievit lanjanza tal-kwalita' kienet titkellem mal-kantina u taghmel xi haga dwarha. Imma l-unika lanjanza li rceviet li l-bejgh kien ghaddej bil-mod.

Xehdet ukoll Patricia Salamone, habiba ta' Guido De Rossis, li kien kellimha biex tghinu f'din il-kwistjoni wara li kienu ghaddew is-sittin (60) gurnata. Hi ddikjarat illi meta kellmithom fuq it-telefon qatt ma semmew li kien hemm xi problema bl-inbid imma li ma kellhomx mohh jaghmlu pagamenti ghaliex Michelle Muscat kellha problem b'qalba u kienet l-isptar. Wara ftit zmien kienet marret ir-restaurtant 'La Vela' u minkejja li kienet ma tiflahx sabet li Michelle Muscat. Hi kienet ir-restorant u kienet qaltilha li sejjrin ihallsu imma ma kellhomx mohh dak il-hin. Kienet regghet marret darb' ohra u nnotat illi l-inbejjed kienu qeghdin jinbieghu fir-restorant.

F'din il-kawza jidher illi hemm kunflitt ta' verzjonijet bejn x'gara: min-naha l-attur, li qal, li qatt ma rcieva lanjanza u dan sahansitra gie ikkorraborat mill-habiba taghhom (Patricia Salomone) u min-naha l-ohra Noel Mifsud li ddikjara li kien kellimhom u talab diminuzzjoni fil-prezz.

It-Tribunal ikkunsidra :
Illi l-eccezzjoni sollevata kienet semplici kontestazzjoni illi t-tlaba *de quo* hija legalment infondata. Illi pero' hareg mill-provi illi s-socjeta' konvenuta qieghda tikkontesta l-hlas tal-merkanzija ghaliex ma kinietx tal-kwalita' patwita.

Is-socjeta' konvenuta qeda tirrifjuta li thallas ghall-merkanzija liema merkanzija hi zammet u anzi mill-provi

jirrizulta li kompliet tbiegh[2]. Illi fil-fehma tat-Tribunal is-socjeta’ konvenuta, malli ndunat illi l-prodott ma kienx tal-kwalita’ patwita jew kien sprovist mill-kwalitajiet miftehma, kellha tikkawtela d-drittijiet taghha fiz-zmien msemmi mill-ligi bir-rimedji skont il-ligi.

Huwa principju accettat illi r-rimedji ghax-xerrej huma <u>biss u esklussivament</u> dawk li johorgu mill-artikolu 1427 u l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ir-rimedji tal-Artikolu 1427 huma l- *actio aestimatoria* u l-*actio redhibitoria* f’kaz ta’ vizzji okkulti u f’kazijiet ta’ nuqqas ta’ kwalità pattwita dawk ir-rimedji li jaqaw taht l-artikolu 1390.

Fil-kawza, ***Norman Spiteri bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Boxit Ltd vs L-Avukat Dottor Pierre Lofaro noe*** gew affermati s-segwenti principji fir-rigward ta’ dawn l-azzjonijiet li jistghu jintuzaw minn xerrej :

*(a) tali azzjonijiet fuq deskritti huma l-unici permissibbli lix-xerrej;*
*(b)it-talbiet tax-xerrej huma limitati ghal dak li jipprovdu d-disposizzjonijiet ta’ l-istess artikoli, b’dan ghalhekk li f’kawza tan-natura ta’ dik kontenuta fil-kontro-talba (f’dan il-kaz citazzjoni) odjerna u abbazi ta’ l-artikolu 1390 u/jewl-artikolu 1427 tal-Kap 16 kellha tintalab ‘sine qua non’ li:*
*i) l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita jew dikjarazzjoni ta’ difett latenti;*
*ii) talba ghall-iffissar tal-prezz inqas u konsegwenti rifuzjoni ta’ parti mill-prezz li tirrizulta li hija in eccess ta’ dak stabbilit mill-Qorti jew li tinghata l-haga lura u jintradd il-prezz, jew abbazi ta’ l-artikolu 1390 jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew jircievi l-haga bi prezz inqas fuq stima ta’ periti.”*

Kif diga’ inghad hareg illi s-socjeta’ konvenuta qed tikkontesta l-fatt li l-merkanzija kienet tal-kwalita’ pattwita. Illi pero’ hlief ghax-xhieda ta’ Noel Mifsud m’hemmx evidenza ohra li l-prodott ma kienx tal-kwalita’ pattwita. It-Tribunal ihoss li s-socjeta’ konvenuta setghat iggib provi

[2] Ara xhieda ta’ Patricia Salamone.

tal-lanjanzi mill-klijenti jew kumercjanti l-ohra li ma ridux il-prodott. Anzi jidher li zamm il-merkanzija u baqa' jbiegh il-prodott fir-restorant 'La Vela'.[3] It-Tribunal ghalhekk ihoss illi ghandu jemmen lill-attur meta jghid li qatt ma ircieva lanjanzi. Illi anke li kieku t-Tribunal ihoss li ghandu jemmen lis-socjeta' konvenuta li l-merkanzija ma kinietx tal-kwalita' pattwita, hi kellha tiehu mizuri skont il-ligi biex tikkawtela d-drittijiet taghha. Fi ***Diacono vs Galea***[4] il Qorti ddikjarat is-segwenti :

*Se il venditore promette esplicitamente una qualita che il compratore ha specialmente in mira questi in difetto di tale qualita puo esercitare l'azione di nullita della vendita. Se il compratore riceve merce e la ttrattiene senza richiamo si deve presumare che egli si e sodissfatto della qualita della stessa. L' azione redhibiotria e l' estimatirai trascorsi inutilment i termini stabbiliti per loro esercizion dall'articoli 1145 dell'ordinanza VII 1868 non possono opporsi neppure in via d'eccezzione al venditore che riclama il pagametno dell prezzo.*

Ghalhekk huwa l-artikolu 1390 tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li ghandu japplika fil-kawza odjerna ossia meta l-merkanzija ma tkunx tal-kwalita' mifthema, f'liema kaz, ir-remedju huma s-segwenti: ix-xerrej ghandu l-ghazla jew jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew jzomm jew jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit. Izda jirrizulta illi f'din il-kawza s-socjeta' konvenuta m'hijiex qeda titlob la r-rizoluzzjoni tal-bejgh u lanqas li ssir stima ghall-prezz anqas, izda qeda tirrifjuta li thallas il-pagament kollu dovut ghall-merkanzija mixtrija minghand l-attur, liema merkanzija kif diga' nghad, ghadha f'idejn is-socjeta' konvenuta.

Fil-kawza ***John Mary Dalli vs Grezzju Pattinot*** (deciza fid-19 ta' Mejju 2000) il-Qorti tal-Appell Civili Superjuri ddikjarat:

---

[3] Ara x-xhieda ta Patricia Salamone
[4] Vol XVII P. III

*Mill-banda l-ohra jekk il-kompratur jaghzel li jzomm l-oggett lilu kkonsenjat u bl-ebda mod ma jirreagixxi kif trid il-ligi ghal-fatt li dak l-oggett ma jkunx skond il-kampjun jew tal-kwalita pattwita il-kompratur ikun qieghed jippregudika irremidjabilment il-possizijoni tieghu”* [5]

Illi ghalhekk galadarba s-socjeta’ konvenuta zammet il-merkanzija u naqset li tiehu mizuri legali biex tipprotegi d-drittijiet taghha t-Tribunal ma jistax jasal ghall-ebda konkluzjoni hlief tikkundanah ihallas il-prezz totali tal-merkanzija mibjugha lilha u mizmuma minnha.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta jilqa` t-talba tal-attur u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn sitt mija u disgha u tmenin ewro u tmenin centezmu (€2,689.80), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-*invoice* tal-14 ta’ Lulju 2009 u bl-ispejjez hekk kif mitluba fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[5] Ara ukoll *Stuart Craig pro et noe v Time international Limited* (Nru. 1484/2000) fil-Qorti tal-Magistrati deciza fit- 8 ta’ Novembru 2005; *Frederick Micallef et vs May Sullivan* deciza fit-22 ta’ Novembru, 2002; *Attard Brothers vs Direttur ta’ l-Edukazzjoni* deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta’ Novembru, 1992.